

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Sistemi legali - tal-UE u nazzjonali>**Sistemi ġudizzjarji nazzjonali**
Sistemi ġudizzjarji nazzjonali

Greċja

Din it-taqsimha tagħtik deskrizzjoni ġenerali tas-sistema tal-qrati fil-Greċja.

L-organizzazzjoni ġudizzjarja- is-sistemi ġudizzjarji

L-amministrazzjoni tal-ġustizzja fil-Greċja hija waħda mit-tliet funzjonijiet tal-Istat. Skont il-prinċipju tas-**separazzjoni tal-kompetenzi**, il-ġustizzja hija **indipendenti** mill-kompetenzi leġislattivi u eżekuttivi.

Tipi ta' qrati- deskrizzjoni qasira

Il-qrati fil-Greċja huma maqsuma fil-**kategorij**prinċipali li ġejjin:

Qrati amministrattivi (*Διοικητικά δικαστήρια*)

Qrati ċivili (*Πολιτικά δικαστήρια*)

Qrati kriminali (*Ποινικά δικαστήρια*)

L-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku

Qrati marzjali (στρατοδικείο), qrati navali (ναυτοδικείο) u qrati tal-forza tal-ajru (αεροδικείο)s

Qorti Suprema Speċjali (*Ανώτατο Ειδικό Δικαστήριο*)

Qrati speċjali li jisingħu kawżi dwar korruzzjoni

Qrati speċjali li jisingħu kawżi dwar ir-responsabbiltà tal-Ministri

Qrati speċjali li jisingħu kawżi dwar ir-rimunerazzjoni tal-uffiċċjali ġudizzjarji

L-Amministrazzjoni tal-Qrati

Kull qorti hija amministrata minn uffiċċjali ġudizzjarji: president jew kunsill iffurmat minn tliet membri.

Ġerarkija tal-Qrati

Qrati ċivili:

Qrati ċivili tad-distrett (*ειρηνοδικεία*), qrati tal-prim'istanza (*πρωτοδικεία*), qrati tal-appell (*εφετεία*), il-Qorti Suprema (*Άρειος Πάγος*)

Qrati kriminali:

Qrati kriminali tad-distrett (*πταισματοδικεία*), qrati tal-Maġistrati (*πλημμελειοδικεία*), qrati tal-appell, Qorti Suprema

Qrati amministrattivi:

Qrati amministrattivi tal-prim'istanza, qrati amministrattivi tal-appell, Kunsill tal-Istat (*Συμβούλιο της Επικρατείας*)

Il-Ministeru tal-Ġustizzja huwa kompetenti u responsabbli għall-amministrazzjoni tal-qrati.

Ħoloq relatati

[Kunsill tal-Istat](#)

[Qorti amministrattiva ta' Ateni](#)

[L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tal-Imħallfin tal-Qrati tad-Distrett](#)

[Il-Ministeru Grieg tal-Ġustizzja, it-Trasparenza u d-Drittijiet tal-Bniedem](#)

[Il-Qorti Suprema b'ġuriżdizzjoni ċivili u kriminali](#)

L-aħħar aġġornament: 03/07/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.